**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

CCT/46/16/S

Francis Sullivan

Vs

St.Paul's Opticians Limited

Illum 7 ta'Lulju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Francis Sullivan ipprezentata fit-22 ta'Frar,2016 filwaqt li s-socjeta St.Paul's Opticians Limited, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tat-28 t'April,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ordni ta' lentijiet partikolari u li baqghu jaghtu l-problemi lir-rikorrent;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba rikorrenti u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba mitluba u pprezenta d-dokumentazzjoni relattiva;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Francis Sullivan u Jordna lis-socjeta St.Paul's Opticians Limited thallas lil Francis Sullivan is-somma ta' €555 kif konfermata bid-dokumentazzjoni pprezentata, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru